MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Numru 450/2003

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur P. Caruana**
**Spettur I. J. Abdilla)**

**vs**

**MARK BORG**

**Illum, 9 ta'Gunju, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Borg ta' 28 sena, bin Richard u Patricia nee' Mangion imwieled San Giljan fil-5 ta' Marzu 1975, u li joqghod f'No. 26, Triq il-Wizna, Swieqi. Detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 117675M gie akkuzat:

Talli fis-26 t'April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni

a. uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;
b. ikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;
c. gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data, u
d. ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 227C(1)(a),(c),(e), u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok CA3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi ta’ ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw fil-Verbal tas-seduta ta’ llum li m’ghandhomx oggetti x’jesebixxu ghalhekk ma hemmx lok ta’ konfiska. In oltre l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 337C(1)(a),(c),(e), u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mark Borg, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat kontenenti kontravenzjoni u wkoll il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Mark Borg ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn millum l-imputat Mark Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u l-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Borg l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------